Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9067 — Equinor Refining Norway/Danske Commodities)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 417/13)

1. Fil-31 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Equinor Refining Norway AS ("Equinor Refining", in-Norveġja), fl-aħħar nett ikkontrollata minn Equinor ASA (in-Norveġja),

— Danske Commodities A/S ("Danske Commodities", id-Danimarka).

Equinor Refining takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Danske Commodities kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Equinor Refining hija parti mill-Equinor Group li huwa bbażat fin-Norveġja, li n-negozju tiegħu jikkonsisti prinċipalment fit-tiftix, il-produzzjoni, it-trasport, ir-raffinar u l-kummerċjalizzazzjoni mad-dinja kollha taż-żejt u ta' prodotti miż-żejt, tal-gass u ta' forom oħra ta' enerġija, inkluża l-enerġija rinnovabbli,

— Danske Commodities hija kumpanija tal-kummerċ indipendenti Daniża li tispeċjalizza fil-kummerċ fiżiku u finanzjarju tal-elettriċità u l-gass. Danske Commodities hija attiva wkoll fl-oriġinazzjoni u tipprovdi bilanċjar, ottimizzazzjoni, hedging, ċertifikati u provvista ta' riżerva għall-ġeneraturi tal-enerġija, kumpaniji industrijali, fornituri tal-enerġija, u operaturi tan-network.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9067 — Equinor Refining Norway/Danske Commodities

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.